MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 1078/2006

**Joseph Gatt**

**Vs**

**Kumissarju Tat-Taxxi Nterni**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att itar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrent issottometta Illi:

1. Illi fl-20 ta' Novembru 2006 l-esponenti gie notifikat b'ittra ufficjali mahruga mill-intimat li permezz taghha interpellah sabiex ihallas is-somma ta' tlett mija u hamest elef, seba' mija u sitta u hamsin liri maltin (Lm305,756) kwantu ghal wiehed u tmenin elf erba' mija u tnejn u ghoxrin liri maltin (Lm81,422) fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, u 2005 u kwantu ghal mitejn u erbgha u ghoxrin elf u tlett mija u erbgha u tletin lira maltin (Lm224,334) bhala taxxa addizzjonali skond l-avviz jew talba tal-hlas li gew mehmuza ma l-imsemmija ittra ufficjali (kopja annessa);

2. Illi r-rikorrenti permezz ta' dina l-procedura qieghed joggezzjona ghal dan il-kont u ghalhekk qieghed jinterrompi l-effetti ta' dina l-ittra ufficjali ghaliex fl-ewwel lok ma huwiex korrett li l-intimat jitlob tali ammont u dan peress li dina s-somma konsiderevoli giet mahduma mill-intimat fuq figuri estimatorji u fittizji li l-istess intimat qabad u kkalkula minghajr ma ha nkonsiderazzjoni ebda figura sostantiva u reali sabiex setgha jipprova jibbaza t-talba tieghu liema talba zgur ma jirriflettux id-dhul reali tar-rikorrenti;

3. Illi r-rikorrenti ma ghandux jaghti l-ammonti mitluba bhala taxxa lill-intimati u dan ghaliex ir-rikorrenti qatt ma qala' dawk l-ammonti ta' flus li qieghed jippretendi l-intimat li fuqhom tithallas dik it-taxxa konsiderevoli izda aktar minn hekk proprju fis-snin indikati fl-ittra ufficjali ma kienx jahdem b'mod regolari anzi ftit ghamel xoghol u allura zgur ma humiex dovuti dawk l-ammonti.

4. Illi barra minn dak li diga' nghad aktar il-fuq u dejjem minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti ma ghandu jehel ebda interessi fuq l-imsemmija ammonti meta fir-realta' huma esagerati u zgur ma jirriflettux id-dhul li kellu r-rikorrenti fis-snin indikati mill-intimat fl-ittra ufficjali tieghu;

5. Illi r-rikorrenti jissottometti illi huwa ma ghandu jaghti ebda ammont ta' taxxa matul is-snin indikati mill-intimat fl-ittra ufficjali tieghu tat-8 ta' Novembru 2006 u

dana ghaliex huwa kellu dhul minimu li ma kienx taxxabbli.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tannulla l-kont mahrug mill-intimat permezz tal-ittra ufficjali datat 8 ta' Novembru 2006 u li jkopru is-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, u 2005 li jammonta komplessivament ghas-somma ta' tlett mija u hamest elef, seba' mija u sitta u hamsin liri maltin (Lm305,756) kwantu ghal wiehed u tmenin elf erba' mija u tnejn u ghoxrin liri maltin (Lm81,422) fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja u kwantu ghal mitejn u erbgha u ghoxrin elf u tlett mija u erbgha u tletin lira maltin (Lm224,334) bhala taxxa addizzjonali skond l-avviz jew talba tal-hlas hawn anness u dan ghaliex dak l-ammont ma huwiex korrett u ma hux dovut mir-rikorrenti.

Rat ir-**Risposta ta' l-Intimat** a fol.13 tal-process fejn eccepixxa:

Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi l-procedura odjerna quddiem din l-Onorabbli Qorti m'hijiex il-procedura idonea sabiex ir-rikorrent iressaq oggezzjoni ghas-somma in kwistjoni mitluba mill-esponent;

Illi effettivament jekk ir-rikorrent ma qabilx mal-figuri kif indikati mill-esponent kellu l-obbligu li jsegwi l-procedura stabbilita mill-ligi, haga li hu qatt m'ghamel.

Illi jigi rilevat li s-sekwenza tal-fatti hija s-segwenti:

1. Illi r-rikorrent qatt ma baghat lill-esponent il-Formola tat-Taxxa ghas-snin ta' stima 1999 sa 2005.

2. Illi fid-dawl tas-suespost l-esponent hareg lir-rikorrent *Assessments* formali ghas-snin ta' stima in kwistjoni a tenur tal-Artikolu 30 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

3. Illi r-rikorrent minkejja li kellu c-cans joggezzjona ghal dawn l-istimi skond il-ligi baqa' inadempjenti.

4. Illi meta skada t-terminu ghall-oggezzjoni l-*Assessments* mahruga mill-esponent saru finali u konklussivi.

5. Illi ghalhekk minghajr pregudizzju ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi, l-esponent kien korrett fil-hrug tal-*Assessments* ghas-snin in kwistjoni stante li mexa skond u fil-parametri tal-ligi.

6. Illi jigi rilevat ulterjorment li l-figuri ndikati fl-*Assessments* in kwistjoni huma wkoll korretti u skond il-ligi.

Illi mill-premess jidher car illi l-*Assessments* u l-kont mahrug mill-esponent permezz tal-ittra Ufficjali tat-8 ta' Novembru 2006 ghas-snin ta' stima 1999 sa 2005 huma dovuti fl-intier taghhom mir-rikorrent u b'hekk m'ghandhomx jigu annullati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Rat il-verbal a fol. 29 u 34;

Semghet lill-Avukati difensuri;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Preliminari**

Illi skond il-verbal a fol. 29 ir-rikorrent talab li ssir referenza Kostituzzjonali a bazi ta’ l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem riferibilment ghal artikoli dwar it-Taxxa.

Illi b’nota tat-22 ta’ Gunju, 2007 a fol, 33 tal-process ir-rikorrent indika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni bhala bazi tat-talba tieghu. Dan l-artikolu jipprovvdi li : “Fid-decizjonijiet tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligu tieghu… kullhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku..”

Ir-rikors baqa’ ghal lum ghad-decizjoni ta’ dina l-Qorti dwar jekk hi ghandhiex tikkonverti ruhha f’gurisdizzjoni kostituzzjonali biex tisma l-ilment konvenzjoniali li r-rikorrent qajjem,

**Ilment Konvenzjonali**

Ir-rikorrent qed jibbaza l-ilment tieghu fuq l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni li jghid li:

“Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b’ligi”.

**Kontestazzjoni**

Illi r-rikorrent qed jissottometti li ghalkemm l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu l-jedd taht l-artikolu 40(b) tal-Kap 372 li johrog ittra ufficjali konklussiva li ma tistax tigi sindikata, dan imur kontra d-dritt fundamentali tieghu protett taht l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghal smigh xieraq u imparzjali, qabel ma din issir titolu esekuttiv. Ghalhekk il-fatt li hu ma jistax jikkontesta l-att gudizzjarju jmur kontra l-konvenzjoni.

L-intimat jissottometti li f’dan l-istadju r-rikorrent ma jistax jikkontesta l-*quantum* tat-taxxa dovuta billi dina l-istima issa saret finali u konklussiva u dan mhux b’mod arbitrarju imma billi skadew it-termini legali stabbiliti mill-ligi u cjoe

wara li ghalaq l-istadju ta’ l-oggezzjoni, (30 jum skond l-Art 33(2) tal-Kap 372 ; l-Appell quddiem il-Bord tal-Kummissarji Specjali (30 jum skond l-Artikolu 35(1) u Appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) (30 jum skond l-Artikolu 37(1).

Inoltre r-rikorrent ghad ghandu rimedju ordinarju billi jista’ jattakka l-validita’ tat-titolu esekuttiv bhal per ezempju a bazi tal-preskrizzjoni jew nuqqasijiet ohra fl-att gudizzjarju.

L-intimati jirritjenu li l-artikolu 40(b) tal-Kap 319 ma jillediex l-artikolu 6(1) fir-rigward ta’ l-imparzjalita’ u l-indipendenza tal-Qrati jew nuqqas ta’ smiegh xieraq. Lanqas jista’ jinghad li l-artikolu 40 ma jiggarantiex lir-rikorrent access ghall-Qorti fil-kuntest ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent kellu r-rimedji kollha disponibbili skond il-Kap 372 biex jikkontesta l-ammont tat-taxxa mitlub izda ma uzahomx.

Finalment l-intimat jissottometti li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhux applikabbili ghal kaz odjern billi materja konnessa mat-taxxa ma jaqghux fid-definizzjoni ta’ “drittijiet u obbligi civili” skond l-artikolu 6(1) (Ferrazzini v Italy deciza 12/7/2001 44759/98).

**Konsiderazzjonijiet**

Skond l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, “l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma’ u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu, u tista’ taghmel dawk l-ordinijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq ta’ kull wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna.

Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbili li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghal ksur allegat huwa jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra".

Ghalhekk il-Qorti Civili Prim'Awla li quddiemha, fil-kors tat-trattazzjoni ta' mertu li jaqa' fil-kompetenza ordinarja taghha, tigi sollevata kwistjoni li tkun ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali hi obbligata li tiehu konjizzjoni anke ta' dan il-mertu u tiddecidieh fl-istess proceduri. Dan bl-ebda mod ma jipprekludi lil din il-Qorti li tezercita d-diskrezzjoni lilha moghtija fis-subinciz 2 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzoni (rimedju ordinarju) jew li tiddikjara xi talba jew tqanqil ta' xi kwistjoni quddiemha bhala li kienet semplicement frivola jew vessatorja. (Ara sentenza Qorti Kostituzzjonanli A. Spiteri vs Kum tal-Pulizija 16 ta' April 1999).

**Applikabilita' ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.**

L-intimati qed jissottometti li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhux applikabbili ghal kaz odjern billi materja konnessa mat-taxxa ma jaqghux fid-definizzjoni ta' "drittijiet u obbligi civili" skond l-artikolu 6(1). Huma ghamlu referenza ghal kaz Ferrazzini v Italy deciz fit 12/7/2001 : 44759/98).

Illi dina l-kwistjoni giet ezaminata diversi drabi minn dina l-Qorti u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara App Pig Breeding Co Ltd vs Avukat Generali et deciza 6/4/2006 u Qorti Kost. Frendo vs Avukat Generali et deciza 30/11/2001 u jidher li l-posizzjoni llum hi li f'materja ta' tassazzjoni, il-gurisdizzjoni tal-Qorti li tissindika l-operat ta' l-Istat mhiex kompletament ezawtorata. Dan ghaliex hemm materji ohra li jirrigwardaw anke l-jeddijiet fondamentali apparti l-jedd ta' smiegh xieraq illi jinkombi fuq l-Istat li josserva l-harsien taghhom u li kellhom allura jkunu gustament soggetti ghall-verifika tal-Qorti. Ghalhekk filwaqt li l-Qrati ma kellhomx dritt li jissindikaw, bhala regola, l-impozizzjoni ta' taxxi u l-mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm dawn ikunu regolati b'ligi, dan ma jfissirx li cittadin ma kellux il-jedd illi jkollu l-mezz ta' verifika biex jassigura illi dik il-ligi tkun giet, fil-konfront tieghu, applikata sewwa.

L-istess ligi dwar it-taxxa dan tikkonsidrah. Tant hu hekk illi tipprovdi fiha nfisha l-mekkanizmu kif jigi assigurat illi l-

Kummissarju tal-Taxxi Interni jamministra l-ligi fil-konfront tac-cittadin korrettement. Dan id-dritt ta’ access ghall-organi li jamministraw il-gustizzja huwa dritt privat tac-cittadin daqs kemm hu dritt tal-Kummissarju u ma jista’ jkun hemm l-ebda dubju li fir-rigward tal-kondotta ta’ dawn il-processi kienu u kellhom ikunu applikabbli l-garanziji kollha, inluz dik ghal smiegh xieraq skond kif stabbilit fl-art. 39 tal-Kostituzzjoni u fl-art. 6 (1) tal-Konvenzjoni. Fil-kaz in ezami l-artikoli 40(b), 33 (2), 35(1) u 37(1) tal-Kap 372 ma jilledux l-artikolu 6(1) fir-rigward ta’ l-imparzjalita’ u l-indipendenza tal-Qrati (haga li ma tidhirx li hi kontestata mir-rikorrent) u lanqas ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq jew ghad-dritt ta’ access ghall-Qorti, billi hemm il-mekkanizmu ghall dan u biex persuna tkun tista’ toggezzjona.

**Rimedju ordinarju**

Fil-kaz in ezami l-kontestazzjoni tar-rikorrent hi li l-ittra ufficjali kienet l-ewwel att gudizzjarju li rceva sabiex tintalab t-taxxa minghandu u l-fatt li hu ma jistax jikkontesta l-att gudizzjarju jmur kontra l-konvenzjoni ghax mhux qed jinghata smigh xieraq.

Mill-atti processwali pero’ jirrizulta li fil-fatt ir-rikorrent kien gie notifikat qabel l-ittra ufficjali bl-assessment mid-Dipartiment fis-17 ta’ Mejju 2006 (ara kopja tal-pink card a fol. 28). Inoltre l-intimati pprezentaw minuti (ara fol. 27) mil-file tad-Dipartment tat-Taxxi Interni li juru li l-*assessments* ghas-snin 1995-2005 kienu ntbghatu lir-rikorrent fid- 9 ta’ Mejju 2006.

Illi r-rikorrent kellu l-opportunita’ kollha skond il-Ligi (ara artikoli tal-Kap 372 li saret riferenza ghalihom hawn fuq) li jikkontesta dawn l-assessments u l-ammont ta’ taxxa imposta mill-intimat imma ghal xi raguni li jafha biss ir-rikorrent hu baqa’ ma kkontestax dawn l-*assessments*, u li ghalhekk wara li ghaddha t-terminu skond il-ligi, saru finali. F’dan l-istadju mhux konsentit li jigi kontestat il-*quantum* ta’ taxxa impost, imma biss il-validita’ tat-titolu eskuttiv.

Illum hu pacifiku illi meta huwa car li kien hemm mezzi ordinarji disponibbili ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillmenta, bhala principju generali, dawn ghandhom jigu adoperati, u rikors ghall-organi gjudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir biss wara li r-rimedj ordinarji jigi ezawriti jew meta ma humiex aktar disponibbili.

L-eżistenza ta’ rimedju ieħor irid jitqies fiż-żmien ta’ l-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali. M’huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista’ jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel. (Ara Kost. 25.6.1999 *Spiteri vs Chairman Awtorita’ tal-Ippjanar et* Kollez. Vol: LXXXIII.i.201).

Ghalhekk f’dan l-istadju l-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju ghal ksur allegat, li kienu disponibbli ghalih, qabel harget l-ittra ufficjali, izda li hu ma wzax, ghalhekk qed tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi li
billi hi sodisfatta li r-rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju ghal ksur allegat li kienu disponibbli ghalih, li hu naqas li juza, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.
Spejjez ghar-rikorrent.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------